

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (il-Latvija) fl-20 ta' April 2018 – SIA
“Kuršu zeme”**

(Kawża C-273/18)

(2018/C 259/30)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SIA “Kuršu zeme”

Konvenuta: Valsts ieņēmumu dienests

Domanda preliminari

L-Artikolu 168(a) tad-Direttiva 2006/112/KE⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi projbizzjoni li titnaqqas it-taxxa tal-input ibbażata fuq is-simpliċi parteċipazzjoni kuxjenti tal-persuna taxxabbli fit-tfassil ta' tranżazzjonijiet simulati, iżda mingħajr ma jiġi indentifikat b'liema mod it-tranżazzjonijiet inkwistjoni kkawżaw dannu għat-Teżor taħt forma ta' VAT mhux imħallsa jew indebitament irrimborsata meta mqabbla mas-sitwazzjoni fejn it-tranżazzjonijiet ikunu ġew imfassla konformement maċ-ċirkustanzi reali?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Administrativo de Círculo de Lisboa (il-Portugall) fl-24 ta' April 2018 – Henkel Ibérica Portugal, Unipessoal Lda vs Comissão de Segurança de Serviços e Bens de Consumo

(Kawża C-277/18)

(2018/C 259/31)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Administrativo de Círculo de Lisboa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Henkel Ibérica Portugal, Unipessoal Lda

Konvenuta: Comissão de Segurança de Serviços e Bens de Consumo

Domandi preliminari

- 1) Sistema nazzjonali li ġiet fis-seħħ permezz tad-Digriet Liġi Nru 69/2005, tas-17 ta' Marzu u d-Digriet Liġi Nru 150/90 tal-10 ta' Mejju, li minbarra li tipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li jistgħu jqiegħdu friskju s-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, inkwantu jistgħu jiġu mfixkla ma' prodotti tal-ikel, tipprojbixxi wkoll il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li, peress li jistgħu jiġu mfixkla ma' prodotti oħra minħabba l-apparenza tagħhom, b'mod speċifiku inkwantu jistgħu jiġu mfixkla ma' ġugarelli, ikunu jistgħu, f'ċirkustanzi ta' użu normali jew raġonevolament prevedibbli, iqiegħdu friskju s-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, b'mod speċjali t-tfal, hija kompatibbli mad-dritt Komunitarju, b'mod speċifiku mad-Direttiva 2001/95/KE⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti, mal-Artikoli 28 u 30 tat-Trattat – hekk kif inhuma ċċitati f'dak iż-żmien f'dik id-direttiva – u mad-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE⁽²⁾, tal-25 ta' Ġunju 1987?